VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,671, 1 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 366 tal-2016

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2016 li Jwaqqaf l-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2016 li Jwaqqaf l-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija.

Twaqqif tal-Aġenzija.

2. Għandha titwaqqaf Aġenzija, li tkun magħrufa bħala l-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, li tkun awtonoma u li tkun twettaq il-funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet li jirrigwardaw it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Funzjonijiet u dmirijiet tal-Aġenzija.

3. L-Aġenzija għandu jkollha l-funzjonijiet u d-dmirijiet li ġejjin:

(a) li twettaq bejgħ jew xiri bl-imnut u tippromwovi prodotti ġodda, tikkonċedi u tirċievi *sponsorships*, tipprepara, tqassam u tbiegħ pubblikazzjonijiet, torganizza u tikkonduċi programmi ta' taħriġ u tikri postijiet għal attivitajiet;

(b) li tidħol f'kull xorta ta' ftehim mal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija jew mal-Gvern jew ma awtoritajiet, entitajiet, jew persuni oħra għat-twettieq ta' xi wieħed mill-għanijiet tal-Aġenzija;

(ċ) li twettaq xi negozju jew attività li jistgħu jiġu kkunsidrati neċessarji, iwasslu jew huma anċillari għal jew konnessi ma' xi wieħed mill-għanijiet tagħha.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

4. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija jkun il-Ministru għall-Edukazzjoni.

(2) Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni għandu jissorvelja l-Aġenzija kif hemm fl-artikolu 39 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika: Kap. 497.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kap. 497.

Iżda s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni jista' jkun assistit f'dik is-superviżjoni minn xi Segretarju Permanenti ieħor kif hemm fil-proviso mal-artikolu 13(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika:

Iżda wkoll jekk xi Ministru, li ma jkunx il-Ministru għall-Edukazzjoni, jassumi responsabbiltà għall-Aġenzija, din għandha tiġi sorveljata mis-Segretarju Permanenti f'dak il-Ministeru.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

5. L-Aġenzija għandha tiġi regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra fl-istatut tal-Aġenzija, u f'dak il-każ ikunu d-dispożizzjonijiet tal-istatut tal-Aġenzija li jipprevalu.

Arranġamenti speċjali oħra li japplikaw għall-Aġenzija.

6. L-operazzjonijiet tal-Aġenzija għandhom isiru kif ikun hemm fl-istatut tal-Aġenzija.

Kap tal-Aġenzija.

Kap. 497.

7. (1) L-Aġenzija għandha tkun immexxija minn Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li għandu jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija kif stipulat fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Aġenzija taqa' taħt l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

Bord Konsultattiv.

8. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jistabbilixxi Bord Konsultattiv biex jassisti lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni fit-twettiq ta' dmirijietu.

(2) Bord konsultattiv imwaqqaf taħt dan l-artikolu għandu jkun immexxi mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u magħmul minn mhux inqas minn żewġ u mhux iżjed minn erba' membri li jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

(3) Ir-rimunerazzjoni li titħallas lill-membri tal-Bord Konsultattiv tal-Aġenzija għandha tkun skont xi direttivi u l-linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

Emenda għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 497.

9. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-Aġenzija "Aġenzija tal-Unità għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika" għandu jiżdied dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija	Biex tappoġġja l-Gvern f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet li jirrigwardaw ix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni.".